MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 339/2007

**Dr Mark A. Mifsud Cutajar ID 136778(M) ghan-nom u in rappresentanza ta' EMD Advisory Services Limited C 27724**

**Vs**

**Hearthorns International Limited C 26134**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti nomine talab sabiex is-socjeta' intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess rikorrenti nomine is-somma ta' tlett elef u dsatax il-lira maltija u sittax-il centezmu (Lm3,019.16c). In kwantu ghal elfejn disa' mija tlieta u ghoxirn lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,923.85) bhala servizzi professjonali u spejjez resi fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' intimata lill-stess u inkwantu ghal hamsa u disghin lira maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm95.31) imghax fuq l-istess servizzi liema

ammont baqa’ qatt ma thallas lir-rikorrenti. Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, l-intimata, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandati ta’ sekwestru bin-numru 2719/07 u l-mandat ta’ Qbid bin-numru 2749/07. Bl-imghax dekorribbli mid-data ta’ l-ewwel fattura kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet Taghha moghti fis-16 ta’ Jannar 2008 (fol 11 tal-atti) u li bih ir-rikorrenti nomine gie awtorizzat illi jinnotifika lis-socjeta’ intimata permezz tal-procedura ta’ affissjoni u pubblikazzjoni, liema notifika saret kif jidher a fol 13, fol 14 u fol 19 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-istess atti, s-socjeta’ intimata, avolja notifikata skond il-ligi qatt ma dehret quddiem din il-Qorti sabiex tikkontesta’ t-talba tal-istess rikorrenti nomine u lanqas ma ssottomettiet risposta bil-miktub ghall-istess talba.

Illi r-rikorrenti nomine, illum stess xehed illi, l-ammont kollu mitlub fir-rikors in esami ghadu douvt sad-data tallum.

Illi ghandu, pero, jigi rilevat illi l-ammont mitlub bhala imghax ser jigi kusiderat bhala kalkolat sad-data tal-presentata tar-rikors in esami, tenut kont, ukoll illi ma giet presentata l-ebda fattura.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet tal-istess rikorrenti nomine u tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas lir-rikorrenti nomine s-somma globali ta’ Lm3019.16 ossija €7032.75 bl-imghax legali mill-ewwel ta’ Novembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru numru 2719/07, u ta’ qbid numru 2749/07.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------